SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

19 ta' Settembru 2019*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika kummerċjali – Dazji antidumping – Importazzjoni ta' roti mibgħuta mill-Indonesja, mill-Malasja, mis-Sri Lanka u mit-Tuneżija – Estensjoni, għal dawn il-pajjiżi, tad-dazju antidumping definittiv impost fuq l-importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw miċ-Ċina – Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 501/2013 – Validità – Ammissibbiltà – Assenza ta' preżentata ta' rikors għal annullament mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali – Importatur assoċjat – *Locus standi* għal annullament – Regolament (KE) Nru 1225/2009 – Artikolu 13 – Evażjoni – Artikolu 18 – Nuqqas ta' kooperazzjoni – Prova – Sensiela ta' indizji"

Fil-Kawża C-251/18,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mir-Rechtbank Noord-Holland (il-Qorti Distrettwali ta' Noord-Holland, il-Pajjiżi l-Baxxi), permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' April 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-12 ta' April 2018, fil-proċedura

Trace Sport SAS

vs

Inspecteur van de Belastingdienst/Douane, kantoor Eindhoven,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn M. Vilaras, President tal-Awla, K. Jürimäe (Relatur), D. Šváby, S. Rodin u N. Piçarra, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Pitruzzella,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, minn M. K. Bulterman u M. A. M. de Ree, bħala aġenti,

– għall-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, minn H. Marcos Fraile u B. Driessen, bħala aġenti, assistiti minn N. Tuominen, avocate,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn S. Noë u M. França, bħala aġenti,

wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali fil-konklużjonijiet tiegħu tad-9 ta' April 2019,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-validità tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 501/2013 tad-29 ta' Mejju 2013 li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 990/2011 fuq importazzjonijiet ta' biċikletti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' biċikletti kkunsinjati mill-Indoneżja, mill-Malasja, mis-Sri Lanka u mit-Tuneżija, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw fl-Indoneżja, il-Malasja, is-Sri Lanka u t-Tuneżija kif ukoll jekk le (ĠU 2013, L 153, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament kontenzjuż"), sa fejn dan ir-regolament jikkonċerna lil Kelani Cycles (Pvt) Ltd u lil Creative Cycles (Pvt) Ltd, żewġ produtturi-esportaturi ta' roti li huma stabbiliti fis-Sri Lanka.

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Trace Sport SAS u l-Inspecteur van de Belastingdienst/Douane, kantoor Eindhoven (l-Ispettur tat-Taxxi/Dwana, Uffiċċju ta' Eindhoven, il-Pajjiżi l-Baxxi) (iktar 'il quddiem l-"Ispettur") dwar il-legalità ta' żewġ avviżi ta' ħlas ta' dazji doganali għall-importazzjoni ta' roti li joriġinaw u li huma mibgħuta mis-Sri Lanka.

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolament bażiku

3 Fid-data tal-adozzjoni tar-Regolament kontenzjuż, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-adozzjoni ta' miżuri antidumping mill-Unjoni Ewropea kienu jinsabu fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU 2009, L 343, p. 51, u rettifiki fil-ĠU 2010, L 7, p. 22, fil-ĠU 2011, L 293, p. 39 u fil-ĠU 2016, L 44, p. 20), kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 1168/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 (ĠU 2012, L 344, p. 1) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament bażiku")

4 L-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament bażiku, intitolat "Evażjoni", huwa fformulat kif ġej:

"1. Id-dazji ta' kontra d-dumping imposti skond dan ir-Regolament jistgħu jiġu estiżi għal importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, ta' prodotti simili, kemm jekk ftit modifikati kemm jekk le; jew għal importazzjonijiet ta' prodotti simili ftit modifikati mill-pajjiż li hu soġġett għall-miżuri; jew għal partijiet minnhom, meta tkun qed issir evażjoni mill-miżuri fis-seħħ. Id-dazji ta' kontra d-dumping li ma jeċċedux d-dazju residwu ta' kontra d-dumping impost skond l-Artikolu 9(5) jistgħu jiġu estiżi għal importazzjonijiet minn kumpanniji li jibbenefikaw minn dazji individwali fil-pajjiżi li huma suġġetti għall-miżuri fejn qed titwettaq l-evażjoni. Evażjoni għandha tiġi mfissra bħala bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn pajjiżi terzi u l-Komunità jew bejn kumpanniji individwali fil-pajjiż soġġett għall-miżuri u l-Komunità, li tinħoloq minn prattika, proċess jew ħidma li għalihom hemm raġuni tajba jew ġustifikazzjoni ekonomika insuffiċjenti ħlief l-imposizzjoni ta' dazju, u fejn ikun hemm xhieda ta' ħsara jew li l-effetti tad-dazju biex iġibu rimedju qiegħdin jiddgħajfu fir-rigward tal-prezzijiet u/jew il-kwantitajiet ta' prodott simili, u fejn ikun hemm xhieda ta' dumping rigward il-valuri normali stabbiliti preċedentement għall-prodott simili, jekk ikun neċessarju skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 2.

Il-prattika, proċess jew ħidma msemmija fl-ewwel subparagrafu jinkludu, inter alia, il-modifika żgħira tal-prodott konċernat biex jaqa' taħt kodiċijiet doganali li normalment ma humiex soġġetti għall-miżuri, sakemm il-modifika ma tibdilx il-karatteristiċi essenzali tiegħu; il-kunsinna tal-prodott soġġett għall-miżuri permezz ta' pajjiżi terzi; l-organizzazzjoni mill-ġdid mill-esportaturi u l-produtturi tax-xejriet tagħhom u tal-kanali tal-bejgħ fil-pajjiż soġġett għall-miżuri sabiex eventwalment il-prodotti

tagħhom jiġu esportati lejn il-Komunità permezz ta' produtturi li jibbenefikaw minn dazju individwali li hu inqas minn dak li japplika għall-prodotti tal-fabbrikanti; u, fiċ-ċirkostanzi imsemmija fil-paragrafu 2, l-assemblaġġ ta' partijiet minn operazzjoni ta' l-assemblaġġ fil-Komunità jew f'pajjiż terz.

2. Operazzjoni ta' assembleġġ fil-Komunità jew pajjiż terz għandha tiġi kkunsidrata li tevadi l-miżuri fis-seħħ meta:

(a) l-operazzjoni bdiet jew żdiedet sostanzjalment minn meta, jew eżatt qabel, il-bidu ta' l-investigazzjoni kontra dumping u l-partijiet ikkonċernati huma mill-pajjiż soġġett għall-miżuri, u

(b) il-partijiet jikkostitwixxu 60 % jew iktar mill-valur totali tal-partijiet tal-prodott mibni, ħlief li f'ebda każ ma għandha l-evażjoni tiġi meqjusa li tkun qiegħda isseħħ fejn il-valur miżjud mal-partijiet miġjuba, matul l-operazzjoni ta' assembleġġ jew ta' kompletazzjoni, jkun ikbar minn 25 % ta' l-ispiża tal-fabbrikazzjoni,

(ċ) l-effetti ta' rimedju tad-dazju ma jkunux qegħdin jiġu kkunsidrati fejn jidħlu l-prezzijiet u/jew il-kwantitajiet tal-prodott simili mibni u hemm evidenza ta' dumping fejn għandhom x'jaqsmu l-valuri normali qabel stabbiliti għal prodotti simili jew bħalhom.

3. L-investigazzjonijiet għandhom jinbdew skond dan l-Artikolu fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni jew fuq talba ta' l-Istati Membri jew xi parti interessata fuq il-bażi ta' xiedha suffiċjenti rigward il-fatturi stabbiliti fil-paragrafu 1. Il-bidu ta' l-investigazzjonijiet għandu jsir, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, permezz ta' Regolament tal-Kummissjoni li jista' ukoll jagħti istruzzjonijiet lill-awtoritajiet doganali biex jagħmlu l-importazzjonijiet soġġetti għal reġistrazzjoni skond l-Artikolu 14(5) jew li jitolbu garanziji. L-investigazzjonijiet għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni, li tista' tkun assistita minn awtoritajiet doganali u għandhom jintemmu fi żmien disa' xhur. Meta l-fatti kif finalment aċċertati jiġġustifikaw l-estensjoni tal-miżuri, dan għandu jsir mill-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta sottomessa mill-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv. Il-proposta tiġi adottata mill-Kunsill kemm-il darba ma jiddeċiedix b'maġġoranza sempliċi li ma jaċċettax il-proposta, fi żmien xahar wara li tkun ġiet sottomessa mill-Kummissjoni. L-estensjoni tibda' sseħħ mid-data li fiha ġiet imposta r-reġistrazzjoni skond l-Artikolu 14(5) jew li fiha ġew mitluba l-garanziji. Id-disposizzjonijiet rilevanti dwar proċedura ta' dan ir-Regolament rigward il-bidu u t-tmexxija ta' investigazzjonijiet għandhom jgħoddu bis-saħħa ta' dan l-Artikolu.

4. L-importazzjonijiet ma jkunux suġġetti għar-reġistrazzjoni skond l-Artikolu 14(5) jew għal miżuri meta jkunu negozjati minn kumpanniji li jibbenefikaw minn eżenzjonijiet. It-talbiet għall-eżenzjonijiet debitament sostnuti minn xiedha għandhom jiġu sottomessi fit-termini perentorji stabbiliti fir-regolament tal-Kummissjoni li jibda' l-investigazzjoni. Meta l-prattika, proċess jew ħidma li ġġib ħelsien mir-restrizzjonijiet issir barra mill-Komunità, jistgħu jingħataw eżenzjonijiet lill-produtturi tal-prodott ikkonċernat li jistgħu juru li ma għandhom l-ebda relazzjoni ma' xi produttur li hu suġġett għall-miżuri li li jinstabu li ma humiex iwettqu prattiċi ta' ħelsien mir-restrizzjonijiet kif imfisserfil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu. Meta l-prattika, proċess jew ħidma li ġġib ħelsien mir-restrizzjonijiet issir ġewwa l-Komunità, jistgħu jingħataw eżenzjonijiet lill-importaturi li jistgħu juru li ma għandhom l-ebda relazzjoni ma' produtturi li huma soġġetti għall-miżuri.

Dawn l-eżenzjonijiet għandhom jingħataw b'deċiżjoni tal-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Kunsultattiv jew b'deċiżjoni tal-Kunsill li timponi l-miżuri u għandhom jibqħu validi għall-perjodu u skond il-kondizzjonijiet hemm stabbiliti.

[…]"

5 L-Artikolu 18(1) ta' dan ir-regolament jipprevedi:

"F'każijiet fejn kwalunkwe parti interessata tirrifjuta aċċess għal, jew inkella ma tagħtix informazzjoni neċessarja fi żmien il-limiti ta' żmien mogħtija f'dan ir-Regolament, jew timpedixxi l-investigazzjoni b'mod sinifikanti, is-sejbiet proviżorji jew finali, affirmattivi jew negattivi, jistgħu jiġu magħmula fuq il-bażi tal-fatti disponibbli. […]"

Ir-regolamenti antidumping dwar ir-roti u r-Regolament kontenzjuż

6 Matul is-sena 1993, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea stabbilixxa dazju antidumping definittiv ta' 30.6 % fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' roti li joriġinaw miċ-Ċina. Sussegwentement, dan id-dazju nżamm fl-istess livell. Matul is-sena 2005, l-imsemmi dazju żdied għal rata ta' 48.5 %. Huwa nżamm f'dan il-livell tal-aħħar bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 990/2011 tat-3 ta' Ottubru 2011 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠU 2012, L 258, p. 21).

7 Adita b'talba, fil-25 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament (UE) Nru 875/2012 li jibda investigazzjoni rigward il-possibbiltà ta' evażjoni tal-miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 990/2011 fuq l-importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina b'importazzjonijiet ta' roti kkunsinjati mill-Indoneżja, il-Malasja, is-Sri Lanka u t-Tuneżija, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Indoneżja, il-Malasja, is-Sri Lanka u t-Tuneżija u kemm jekk le, u li jagħmel tali importazzjonijiet soġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU 2012, L 258, p. 21).

8 Fi tmiem din l-investigazzjoni, fid-29 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta r-Regolament kontenzjuż.

9 Mill-premessa 22 ta' dan ir-regolament jirriżulta li l-Kummissjoni wettqet żjarat ta' verifika fuq il-post fir-rigward ta' sitt kumpanniji mis-Sri Lanka, fosthom Kelani Cycles.

10 Fil-premessi 35 sa 42 ta' dan ir-regolament, il-Kunsill essenzjalment indika, fir-rigward tal-livell ta' kooperazzjoni tal-kumpanniji mis-Sri Lanka, li, fost is-sitt kumpanniji mis-Sri Lanka li ressqu talba għal eżenzjoni skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku, tlieta biss tqiesu li kienu kkooperaw. Għal dawn it-tliet kumpanniji, fejn waħda minnhom irtirat it-talba għal eżenzjoni tagħha u t-tnejn l-oħra ma kkooperawx b'mod sodisfaċenti, il-konklużjonijiet ġew ibbażati fuq id-data disponibbli, konformement mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

11 Fil-premessa 58 tal-imsemmi regolament, il-Kunsill ikkonkluda li teżisti bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn is-Sri Lanka u l-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku.

12 Fil-premessi 77 sa 82 tar-Regolament kontenzjuż, il-Kunsill analizza n-natura tal-prattiki ta' evażjoni li wasslu għal din il-bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn dan il-pajjiż terz u l-Unjoni.

13 Fir-rigward tal-prattiki ta' trażbord, il-premessi 77 sa 79 ta' dan ir-regolament jistabbilixxu:

"(77) L-esportazzjonijiet tal-kumpanniji tas-Sri Lanka li inizjalment ikkooperaw kienu jammontaw għal 69 % tat-total tal-esportazzjonijiet tas-Sri Lanka lejn l-Unjoni fil-PR. [perijodu ta' referenza, mill-1 ta' Settembru 2011 sal-31 ta' Awwissu 2012]. Għal tlieta mis-sitt kumpanniji li kkooperaw inizjalment, l-investigazzjoni ma żvelat l-ebda prattiki ta' trażbord. Għall-esportazzjonijiet l-oħra ma kien hemm l-ebda kooperazzjoni kif spjegat fil-premessi (35) sa (42).

(78) Għaldaqstant, fid-dawl tat-tibdil fix-xejriet tal-kummeċ konklużi fil-premessa (58) bejn is-Sri Lanka u l-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku u l-fatt li mhux il-produtturi/esportaturi kollha tas-Sri Lanka ppreżentaw ruħhom u/jew ikkooperaw jista' jiġi konklużż li l-esportazzjonijiet ta' dawk il-produtturi/esportaturi jistgħu jiġu attribwiti għal prattiki ta' trażbord.

(79) Għaldaqstant, l-eżistenza ta' trażbord ta' prodotti ta' oriġini Ċiniża mill-Malasja [mis-Sri Lanka] hija kkonfermata."

14 Fil-premessi 81 u 82 tar-Regolament kontenzjuż, il-Kunsill indika li l-eżistenza ta' operazzjonijiet ta' assemblaġġ, fis-sens tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku, ma kinitx ġiet stabbilita.

15 Fil-premessi 92, 96 u 110 tar-Regolament kontenzjuż, il-Kunsill ikkonstata, l-ewwel nett, l-assenza ta' motivazzjoni jew ta' ġustifikazzjoni ekonomika għajr l-intenzjoni li jiġu evitati l-miżuri antidumping fis-seħħ; it-tieni nett, in-newtralizzazzjoni tal-effetti korrettivi ta' dawn il-miżuri; u, it-tielet nett, l-eżistenza ta' dumping meta mqabbel mal-valur normali stabbilit preċedentement.

16 F'dawn iċ-ċirkustanzi, fil-premessa 115 tar-Regolament kontenzjuż il-Kunsill ikkonkluda li teżisti evażjoni, fis-sens tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, permezz ta' operazzjonijiet ta' trażbord mis-Sri Lanka.

17 Skont l-Artikolu 1(1) tar-Regolament kontenzjuż, id-dazju antidumping definittiv ta' 48.5 %, previst fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 990/2011, ġie estiż għall-importazzjonijiet ta' roti kkunsinnati mis-Sri Lanka, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw minn dan il-pajjiż, u kemm jekk le. L-Artikolu 1(3) tar-Regolament kontenzjuż jipprevedi l-ġbir tad-dazju estiż fuq dawn l-istess importazzjonijiet irreġistrati konformement mar-Regolament Nru 875/2012.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

18 Matul il-perijodi, rispettivament, mis-27 ta' Settembru sal-15 ta' Ottubru 2012 u mit-13 ta' Frar sal-21 ta' Mejju 2013 inklużi, żewġ rappreżentanti tad-dwana, li kienu qegħdin jaġixxu għan-nom u fl-interess ta' importatur ta' roti stabbilit fi Franza, jiġifieri Trace Sport, wettqu, fil-Pajjiżi l-Baxxi, dikjarazzjonijiet ta' rilaxx għal ċirkulazzjoni libera ta' roti mibgħuta mis-Sri Lanka. F'dawn id-dikjarazzjonijiet kollha, huma l-produtturi-esportaturi mis-Sri Lanka, jiġifieri, skont il-każ, Kelani Cycles jew Creative Cycles, li ġew iddikjarati bħala esportaturi ta' dawn ir-roti.

19 Wara verifiki *a posteriori* tal-validità tal-imsemmija dikjarazzjonijiet, l-Ispettur ikkunsidra li dazju antidumping ta' 48.5 % kellu jitħallas għar-roti ddikjarati għar-rilaxx għal ċirkulazzjoni libera matul il-perijodu mis-27 ta' Settembru 2012 sal-5 ta' Ġunju 2013 inklużi.

20 Għaldaqstant, fis-27 ta' Frar u fid-29 ta' April 2014, l-Ispettur ħareġ żewġ avviżi għall-ħlas għall-ammonti li rispettivament jilħqu EUR 229 990.88 u EUR 234 275.37.

21 Permezz ta' żewġ deċiżjonijiet tal-24 ta' Settembru 2015, l-Ispettur ikkonferma dawn l-avviżi u ċaħad l-ilmenti mressqa minn Trace Sport kontra dawn tal-aħħar.

22 Quddiem il-qorti tar-rinviju, Trace Sport ikkontestat dawn iż-żewġ deċiżjonijiet.

23 Din il-qorti tenfasizza li, kuntrarjament għal dak li tallega quddiemha Trace Sport, ir-Regolament kontenzjuż huwa applikabbli għall-kawża prinċipali.

24 Min-naħa l-oħra, l-imsemmija qorti tistaqsi dwar il-validità ta' dan ir-regolament fid-dawl tal-argumenti magħmula minn Trace Sport, quddiemha, meħudin mis-sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, Maxcom vs City Cycle Industries (C-248/15 P, C-254/15 P u C-260/15 P, EU:C:2017:62). Skont Trace Sport, il-Kunsill ma setax jiddeduċi mill-informazzjoni li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu li kien hemm operazzjoni ta' trażbord fis-Sri Lanka u lanqas li Kelani Cycles u Creative Cycles kienu involuti f'tali operazzjonijiet. Matul is-seduta li saret quddiem din l-istess qorti, Trace Sport, barra minn hekk, enfasizzat li hija kienet talbet seduta mal-Kummissjoni sabiex tippreżenta dokumenti inizjalment prodotti minn Kelani Cycles, li l-Kummissjoni rrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni.

25 Il-qorti tar-rinviju tosserva li, fil-premessi 39 u 42 tar-Regolament kontenzjuż, Kelani Cycles tqieset li ma kkooperatx, filwaqt li Creative Cycles, li ma hijiex imsemmija b'mod espliċitu f'dan ir-regolament, għandha tiġi kkunsidrata bħala li tagħmel parti mill-produtturi-esportaturi tas-Sri Lanka msemmija fil-premessa 78 tal-imsemmi regolament, li ma kinux ippreżentaw ruħhom. Il-Kunsill ibbaża l-konklużjoni li dawn il-produtturi-esportaturi kienu jipparteċipaw f'operazzjonijiet ta' trażbord fuq il-konstatazzjoni tal-bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn is-Sri Lanka u l-Unjoni u n-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-imsemmija produtturi-esportaturi. Issa, fis-sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, Maxcom vs City Cycle Industries (C-248/15 P, C-254/15 P u C-260/15 P, EU:C:2017:62), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li mill-informazzjoni li huwa kellu għad-dispożizzjoni tiegħu l-Kunsill ma setax jiddeduċi b'mod validu l-eżistenza ta' prattiki ta' trażbord fuq il-livell tas-Sri Lanka. Skont il-qorti tar-rinviju, il-konklużjoni misluta mill-Qorti tal-Ġustizzja f'din is-sentenza fir-rigward tal-produttur-esportatur City Cycle Industries hija valida wkoll għal Kelani Cycles u Creative Cycles.

26 Filwaqt li tosserva madankollu li l-Artikolu 1(1) u (3) tar-Regolament kontenzjuż ġie annullat biss fir-rigward ta' City Cycle Industries u li, skont il-punt 185 tas-sentenza tal-4 ta' Frar 2016, C & J Clark International u Puma (C-659/13 u C-34/14, EU:C:2016:74), dan l-annullament ma jfissirx li dan ir-regolament huwa wkoll null fir-rigward ta' produtturi-esportaturi oħra, il-qorti tar-rinviju tqis li huwa neċessarju li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-validità ta' dan ir-regolament fir-rigward ta' Kelani Cycles u ta' Creative Cycles.

27 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-Rechtbank Noord-Holland (il-Qorti Distrettwali ta' Noord-Holland, il-Pajjiżi l-Baxxi) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Ir-Regolament [kontenzjuż] huwa validu sa fejn jikkonċerna l-produttur-esportatur Kelani Cycles?

2) Ir-Regolament [kontenzjuż] huwa validu sa fejn jikkonċerna l-produttur-esportatur Creative Cycles?"

Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari

28 Fl-osservazzjonijiet tagħhom sottomessi lill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom dubji dwar l-ammissibbiltà ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari fid-dawl tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenzi tad-9 ta' Marzu 1994, TWD Textilwerke Deggendorf (C-188/92, EU:C:1994:90, punti 13, 14 u 16); tal-15 ta' Frar 2001, Nachi Europe (C-239/99, EU:C:2001:101, punti 30 u 37); kif ukoll tal-4 ta' Frar 2016, C & J Clark International u Puma (C-659/13 u C-34/14, EU:C:2016:74, punt 56), minħabba li, mingħajr ebda dubju, Trace Sport setgħet tippreżenta rikors għal annullament quddiem il-qorti tal-Unjoni kontra r-Regolament kontenzjuż skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

29 F'dan ir-rigward, hija ġurisprudenza stabbilita li l-prinċipju ġenerali li jiggarantixxi lil kull parti fil-kawża d-dritt li teċċepixxi, fil-kuntest ta' rikors ippreżentat kontra miżura nazzjonali li tikkawżalha preġudizzju, l-invalidità tal-att tal-Unjoni li jservi ta' bażi għal din il-miżura ma jipprekludix li tali dritt ikun suġġett għall-kundizzjoni li l-persuna kkonċernata ma kellhiex id-dritt li titlob direttament

l-annullament tiegħu lill-qorti tal-Unjoni, skont l-Artikolu 263 TFUE. Madankollu, huwa biss fil-każ li jista' jiġi kkunsidrat li persuna, mingħajr ebda dubju, setgħet titlob l-annullament tal-att inkwistjoni li din il-persuna hija prekluża milli teċċepixxi l-invalidità ta' dan l-att quddiem il-qorti nazzjonali kompetenti (sentenza tal-4 ta' Frar 2016, C & J Clark International u Puma, C-659/13 u C-34/14, EU:C:2016:74, punt 56 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

30 Għaldaqstant huwa biss fil-każ fejn jista' jitqies li, mingħajr ebda dubju, Trace Sport kellha *locus standi* għall-annullament tar-Regolament kontenzjuż, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, li din tkun prekluża milli teċċepixxi l-invalidità ta' dan ir-regolament quddiem il-qorti tar-rinviju.

31 Qabel kollox, għandu jiġi kkonstatat li huwa abbażi ta' atti adottati mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li l-ħlas tad-dazji antidumping estiżi mir-Regolament kontenzjuż huwa impost fuq l-operaturi kkonċernati, bħal Trace Sport. Minn dan isegwi li ma jistax jitqies li dan ir-regolament manifestament ma jinkludix miżuri ta' implimentazzjoni fis-sens tal-aħħar parti tas-sentenza tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2018, Rotho Blaas, C-207/17, EU:C:2018:840, punti 38 u 39).

32 Huwa għalhekk biss fil-każ li jista' jiġi kkunsidrat li importatur bħal Trace Sport huwa, mingħajr ebda dubju, direttament u individwalment ikkonċernat mir-Regolament kontenzjuż, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, li huwa preklużi milli jeċċepixxi l-invalidità ta' dan ir-regolament quddiem il-qrati tar-rinviju.

33 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li r-regolamenti li jistabbilixxu dazju antidumping huma ta' natura normattiva, sa fejn dawn japplikaw għall-ġeneralità tal-operaturi ekonomiċi kkonċernati (sentenza tal-4 ta' Frar 2016, C & J Clark International u Puma, C-659/13 u C-34/14, EU:C:2016:74, punt 58 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

34 L-istess japplika, għall-istess raġunijiet, għal regolament, bħar-Regolament kontenzjuż, li jestendi dazju antidumping minħabba prattiki ta' evażjoni. Fil-fatt, tali regolament għandu l-għan li jestendi l-kamp ta' dazju antidumping stabbilit minn regolament bħal dak imsemmi fil-punt preċedenti.

35 Madankollu, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li operatur jista' jkun ikkonċernat b'mod dirett u individwali minn regolament li jimponi dazju antidumping. Għalhekk, fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja identifikat ċerti kategoriji ta' operaturi ekonomiċi li jistgħu jkunu kkonċernati individwalment minn regolament li jimponi dazju antidumping, bla ħsara għall-possibbiltà għal operaturi oħra li jkunu individwalment ikkonċernati minħabba ċerti kwalitajiet li huma partikolari għalihom u li jikkaratterizzawhom meta mqabbla ma' kull persuna oħra (sentenza tal-4 ta' Frar 2016, C & J Clark International u Puma, C-659/13 u C-34/14, EU:C:2016:74, punt 59; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Mejju 1991, Extramet Industrie vs Il-Kunsill, C-358/89, EU:C:1991:214, punt 16).

36 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jistgħu jkunu individwalment ikkonċernati minn regolament li jimponi dazju antidumping, l-ewwel nett, dawk minn fost il-produtturi u l-esportaturi tal-prodott inkwistjoni li lilhom ġew imputati l-prattiki ta' dumping, bl-użu ta' data relatata mal-attività kummerċjali tagħhom; it-tieni nett, l-importaturi tal-imsemmi prodott li l-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid tagħhom ittieħdu inkunsiderazzjoni għat-tfassil tal-prezzijiet ta' esportazzjoni u li huma, għalhekk, ikkonċernati mill-konstatazzjonijiet relatati mal-eżistenza ta' prattika ta' dumping; kif ukoll, it-tielet nett, l-importaturi assoċjati ma' esportaturi tal-prodott inkwistjoni, b'mod partikolari fil-każ fejn il-prezz tal-esportazzjoni jkun ġie kkalkolat abbażi tal-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid fis-suq tal-Unjoni pprattikati minn dawn l-importaturi u f'dak fejn id-dazju antidumping stess ġie kkalkolat skont dawn il-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid (sentenza tal-4 ta' Frar 2016, C & J Clark International u Puma, C-659/13 u C-34/14, EU:C:2016:74, punti 60 sa 62 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

37 Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li l-kwalità ta' importatur, anki jekk marbuta mal-esportaturi tal-prodott inkwistjoni, ma hijiex biżżejjed, fiha nnifisha, sabiex jiġi kkunsidrat li importatur huwa individwalment ikkonċernat minn regolament li jimponi dazju antidumping. Għall-kuntrarju, l-individwalizzazzjoni ta' importatur, anki jekk assoċjat mal-imsemmija esportaturi, tirrikjedi l-prova li d-data dwar l-attività kummerċjali tiegħu ttieħdet inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-konstatazzjoni tal-prattiki ta' dumping jew, fin-nuqqas, it-turija ta' kwalitajiet oħra li huma partikolari għaliha u li jikkaratterizzawha meta mqabbla ma' kull persuna oħra.

38 Fid-dawl tal-imsemmija ġurisprudenza, ma jistax jiġi eskluż li importatur tal-prodott inkwistjoni jista', billi juri l-eżistenza ta' ċerti kwalitajiet li huma partikolari għalih u li jikkaratterizzawh meta mqabbel ma' kull persuna oħra, jitqies li huwa individwalment ikkonċernat minn regolament li jestendi dazju antidumping minħabba prattiki ta' evażjoni, bħar-Regolament kontenzjuż.

39 Fl-osservazzjonijiet tagħhom sottomessi lill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, il-Kunsill u l-Kummissjoni sostnew li dan huwa l-każ ta' Trace Sport. F'dan ir-rigward, huma jenfasizzaw li, minn naħa, Trace Sport hija kumpannija stabbilita fi Franza li l-proprjetarju tagħha, persuna fiżika, iżomm ukoll, permezz ta' kumpanniji offshore, 50 % tal-ishma tal-kapital kemm ta' Kelani Cycles kif ukoll ta' Creative Cycles. Issa, dawn tal-aħħar, li huma produtturi-esportaturi, kellhom, mingħajr ebda dubju, *locus standi* għall-annullament tar-Regolament kontenzjuż. Barra minn hekk, Kelani Cycles kienet ikkostitwita sabiex tieħu inkunsiderazzjoni l-attivitajiet ta' Creative Cycles. Min-naħa l-oħra, Trace Sport kienet taf bl-investigazzjoni li tikkonċerna lil Kelani Cycles, u dan juri t-tentattiv tagħha li tipproduċi ċerti dokumenti quddiem il-Kummissjoni li Kelani Cycles kienet, preċedentement, ipproduċiet quddiem din l-istituzzjoni.

40 Barra minn hekk, il-Kummissjoni tagħti x'wieħed jifhem li Trace Sport kif ukoll Kelani Cycles u Creative Cycles huma implikati fil-frodi tad-dazji doganali u tad-dazji antidumping.

41 Issa, dawn iċ-ċirkustanzi, anki jekk stabbiliti, ma jistgħux ikunu suffiċjenti sabiex jiġi kkunsidrat li, mingħajr ebda dubju, Trace Sport kienet individwalment ikkonċernata mir-Regolament kontenzjuż, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

42 Fil-fatt, għalkemm Trace Sport hija importatur tal-prodotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali, hija ma pparteċipatx madankollu fl-investigazzjoni u bl-ebda mod ma hija msemmija fir-Regolament kontenzjuż. Is-sempliċi fatt li hija kienet taf bl-investigazzjoni li tirrigwarda lil Kelani Cycles u li hija probabbilment qasmet ma' din tal-aħħar ċerta informazzjoni ma jistax ikun biżżejjed sabiex jiġi kkunsidrat li Trace Sport għandha kwalitajiet li huma partikolari għaliha u li jikkaratterizzawha meta mqabbla ma' kull persuna oħra.

43 Il-kwalità ta' Trace Sport ta' importatur tal-prodotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali u l-eventwali appartenenza tagħha fl-istess grupp bħal produttur-esportatur li pparteċipa fl-investigazzjoni ma jistax iwassal għal konklużjoni differenti, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li jinsabu fil-punti 37 u 38 ta' din is-sentenza.

44 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hemm lok li jiġi konkluż li l-elementi li huma għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jippermettux li jiġi kkunsidrat li, mingħajr ebda dubju, Trace Sport kellha *locus standi* għall-annullament tar-Regolament kontenzjuż skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

45 Minn dan isegwi li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli.

Fuq id-domandi preliminari

46 Permezz tad-domandi tagħha, li hemm lok li jiġu eżaminati flimkien, il-qorti essenzjalment tistaqsi jekk ir-Regolament kontenzjuż huwiex invalidu sa fejn japplika għall-importazzjonijiet ta' roti mibgħuta mis-Sri Lanka, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw minn dan il-pajjiż kif ukoll jekk le.

47 L-ewwel nett, f'dan ir-rigward għandu jitfakkar li, qabel kollox, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni, u b'mod partikolari fil-qasam tal-miżuri ta' difiża kummerċjali, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa minħabba l-kumplessità tas-sitwazzjonijiet ekonomiċi u politiċi li għandhom jeżaminaw. Fir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju ta' tali evalwazzjoni, dan għandu għalhekk ikun limitat għall-verifika tal-osservanza tar-regoli tal-proċedura, tal-eżattezza materjali tal-fatti kkunsidrati biex issir l-għażla kkontestata, tal-assenza ta' żball manifest fl-evalwazzjoni ta' dawn il-fatti jew tal-assenza ta' abbuż ta' poter (sentenzi tas-16 ta' Frar 2012, Il-Kunsill u Il-Kummissjoni vs Interpipe Niko Tube u Interpipe NTRP, C-191/09 P u C-200/09 P, EU:C:2012:78, punt 63 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata, u tas-26 ta' Jannar 2017, Maxcom vs City Cycle Industries, C-248/15 P, C-254/15 P u C-260/15 P, EU:C:2017:62, punt 56).

48 Sussegwentement, fir-rigward tal-oneru tal-prova tal-evażjoni, skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, l-eżistenza ta' evażjoni tal-miżuri antidumping tiġi stabbilita meta jiġu ssodisfatti erba' kundizzjonijiet. L-ewwel nett, għandu jkun hemm bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn pajjiż terz u l-Unjoni, jew bejn kumpanniji tal-pajjiż suġġett għall-miżuri u l-Unjoni. It-tieni nett, din il-bidla għandha tirriżulta minn prattiki, operazzjonijiet jew ħidmiet li għalihom ma hemmx motivazzjoni suffiċjenti jew ġustifikazzjoni ekonomika għajr l-impożizzjoni tad-dazju. It-tielet nett, għandu jkun hemm elementi li juru li l-industrija tal-Unjoni ġġarrab ħsara jew li l-effetti li jġibu rimedju qegħdin jiddgħajfu. Ir-raba' nett, għandhom jeżistu provi tal-eżistenza ta' dumping.

49 Skont l-Artikolu 13(3) ta' dan ir-regolament, hija l-Kummissjoni li għandha tiftaħ investigazzjoni abbażi ta' provi li *prima facie* jindikaw l-eżistenza ta' prattiki ta' evażjoni. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, din id-dispożizzjoni tistabbilixxi l-prinċipju li l-oneru tal-prova ta' evażjoni jaqa' fuq l-istituzzjonijiet tal-Unjoni (sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, Maxcom vs City Cycle Industries, C-248/15 P, C-254/15 P u C-260/15 P, EU:C:2017:62, punt 58 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

50 Fl-aħħar nett, fid-dawl tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, għandu jitfakkar li, fil-każ ta' kooperazzjoni insuffiċjenti jew ineżistenti ta' parti jew tal-produtturi-esportaturi kollha, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni huma awtorizzati li jibbażaw ruħhom fuq sensiela ta' indizji konkordanti sabiex jikkonkludu li teżisti evażjoni, filwaqt li għandu jiġi ppreċiżat li dawn l-indizji għandhom ikunu intiżi sabiex juru li l-erba' kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1) ta' dan ir-regolament, kif esposti fil-punt 48 ta' din is-sentenza, huma ssodisfatti. Min-naħa l-oħra, ma teżisti l-ebda preżunzjoni legali li tippermetti li min-nuqqas ta' kooperazzjoni minn parti kkonċernata tiġi dedotta direttament l-eżistenza ta' tali evażjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, Maxcom vs City Cycle Industries, C-248/15 P, C-254/15 P u C-260/15 P, EU:C:2017:62, punti 65, 66, 68 u 69 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

51 F'dan il-każ, fir-rigward tal-prattiki ta' evażjoni tal-miżuri antidumping permezz ta' operazzjonijiet ta' trażbord mis-Sri Lanka, il-Kunsill eżamina t-tieni mill-erba' kundizzjonijiet imfakkra fil-punt 48 ta' din is-sentenza fil-premessi 77 sa 79 tar-Regolament kontenzjuż. Fil-premessa 77 ta' dan ir-regolament, il-Kunsill, l-ewwel nett, indika li, għal tlieta mis-sitt kumpanniji li inizjalment ikkooperaw fl-investigazzjoni, hija ma kinitx żvelat prattiki ta' trażbord. Għall-bqija tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni, il-Kunsill ippreċiża li ma kienet inkisbet ebda kooperazzjoni. Sussegwentement, fil-premessa 78 tal-imsemmi regolament, il-Kunsill irrileva, minn naħa, li l-eżistenza ta' bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn is-Sri Lanka u l-Unjoni kienet stabbilita sew fil-premessa 58 tal-imsemmi regolament u, min-naħa l-oħra, li l-produtturi-esportaturi mis-Sri Lanka mhux kollha mmanifestaw ruħhom u mhux kollha kkooperaw. Minn dan huwa ddeduċa li l-esportazzjonijiet, lejn l-Unjoni, minn dawn

il-produttur-esportaturi setgħu jiġu "attribwiti għal" prattiki ta' trażbord. Fl-aħħar nett, fil-premessa 79 tar-Regolament kontenzjuż, il-Kunsill ikkonstata li l-eżistenza ta' prattiki ta' trażbord ta' prodotti ta' oriġini Ċiniża mis-Sri Lanka kienet ikkonfermata.

52 Il-konklużjoni dwar l-eżistenza ta' prattiki ta' trażbord għaldaqstant tikkonċerna l-produttur-esportaturi kollha li rrifjutaw li jikkooperaw u hija bbażata fuq konstatazzjoni doppja, jiġifieri, minn naħa, l-eżistenza ta' bidla fix-xejra tal-kummerċ u, min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' kooperazzjoni ta' parti mill-produttur-esportaturi.

53 Issa, din il-konstatazzjoni doppja ma tippermettix li jiġi konkluż li jeżistu prattiki ta' trażbord fis-Sri Lanka. Fil-fatt, minn naħa, il-Kunsill ma setax jiddeduċi b'mod validu l-eżistenza ta' tali prattiki mis-sempliċi nuqqas ta' kooperazzjoni ta' parti mill-produttur-esportaturi. Min-naħa l-oħra, peress li l-bidla fix-xejra tal-kummerċ hija l-ewwel waħda mill-erba' kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex l-eżistenza ta' evażjoni tiġi stabbilita b'mod validu, il-Kunsill ma setax jibbaża ruħu fuq il-konstatazzjoni ta' din l-eżistenza bħala indizju li t-tieni waħda minn dawn l-erba' kundizzjonijiet, li skontha tali bidla għandha tirriżulta minn prattiki ta' evażjoni, kienet ivverifikata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, Maxcom vs City Cycle Industries, C-248/15 P, C-254/15 P u C-260/15 P, EU:C:2017:62, punti 76 sa 78).

54 Għaldaqstant, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li r-Regolament kontenzjuż huwa invalidu sa fejn japplika għall-importazzjonijiet ta' roti mibgħuta mis-Sri Lanka, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw minn dan il-pajjiż kif ukoll jekk le.

Fuq l-ispejjeż

55 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 501/2013 tad-29 ta' Mejju 2013 li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 990/2011 fuq importazzjonijiet ta' biċikletti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' biċikletti kkunsinjati mill-Indoneżja, mill-Malasja, mis-Sri Lanka u mit-Tuneżija, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw fl-Indoneżja, il-Malasja, is-Sri Lanka u t-Tuneżija kif ukoll jekk le, huwa invalidu sa fejn japplika għall-importazzjonijiet ta' roti mibgħuta mis-Sri Lanka, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw minn dan il-pajjiż kif ukoll jekk le.

Firem